# ID-DONI TA' L-ISPIRTU S-SANTU

Matul din is-sena, ddedikata lill-Ispirtu s-Santu, xtaqna li naqsmu magħkom dawn ir-riflessjonijiet fuq id-doni ta' l-Ispirtu s-Santu. Stedinna biex jikteb dawn il-ħsibijiet lil **Fr. Hector M. Scerri**, li qiegħed jagħmel id-dottorat fit-Teoloġija Dommatika, fl-Università Gregorjana. Nirringrazzjawh minn qalbna ta' dan il-kontribut tiegħu.

Aqra u irrifletti

- Isaija 11, 1—2
- Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, paragrafi 1830-1831 u 798
- "Int turi l-qawwa t'Alla bis-seba' doni tiegħek" (mill-*Veni Creator*)
- Agħti s-seba' doni tiegħek lil min jimxi fidil miegħek u li fik jistrieħ kull ħin" (mis-Sekwenza ta' Pentekoste).

## L-Għerf

Mulej,
"Ibgħat l-għerf mis-smewwiet imqaddsa,
ibagħtu mit-tron glorjuż tiegħek,
biex jieqaf miegħi fit-tħabrik tiegħi,
ħa nkun naf sewwa x'inhu li jogħġob lilek" (Għerf 9,10)

Mulej Missier Qaddis, nirringrazzjawk ta' dan id-don. Bih aħna nistgħu niggustaw dak kollu li hu tiegħek. Id-don ta' l-għerf li int tagħtina permezz ta' l-Ispirtu Qaddis tiegħek mhuwiex biss għarfien tal-misteru tiegħek, imma jimliena wkoll bil-għatx għall-preżenza tiegħek fil-ħajja tagħna. Dan id-don jagħtina l-forza biex inwieġbu għat-tweġiba tas-Salmista meta jistqarr: "Duqu u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej" (Salm 34,8). Għinna biex nagħżlu lilek fuq kollox u qabel kollox. Permezz tad-don ta' l-għerf li sawwabt fina, Int tagħtina l-għajnuna fid-dixxerniment tagħna, kemm personali kif ukoll komunitarju. Iddawwalna biex fil-ħajja tagħna nagħtu l-ewwel post lir-rabta tagħna miegħek.

Missier Qaddis, permezz ta' dan id-don, int tħeġġiġna biex nagħżlu, bla dewmien, li naqduk b'qalb kbira u fidila. Timliena bil-ħerqa biex nistqarru: "Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej ta' l-eżerċti.... Għax jum wieħed fit-Tempju tiegħek aħjar minn elf jum f'post ieħor" (Salm 84,1.10). Id-don ta' l-għerf ikabbar fina x-xewqa li nidħlu f'intimità akbar miegħek, b'mod li nfittxu l-wisa', it-tul, l-għoli u l-fond ta' mħabbtek għalina (ara Ef.3,18). Għaldaqstant, meta nħaddmu dan id-don, nistgħu nwieġbu b'disponibiltà akbar għall-imħabba li sawwabt fina, bis-saħħa ta' l-Ispirtu tiegħek (ara Rum. 5,5 u 8,11).

Mulej, niżżuk ħajr tad-don tal-għerf. Bih int timla' l-qalb tagħna b'dik il-paċi nterjuri li tagħti int biss, dik il-paċi li ngarrbu minkejja t-taqbida tagħna mal-ħalel li hemm fina u fid-dinja. Dan id-don iwassalna biex induqu l-qawwa setgħana tal-kelma tiegħek: "li taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar...u tagħraf il-fehemiet u l-ħsibijiet tal-qalb" (Lhud 4,12). L-istess Spirtu Qaddis tiegħek li nebbaħ il-kitba ta' l-Iskrittura, inebbaħ ukoll lilna biex nifhmu l-Kelma tiegħek u napplikawha għall-ħajja tagħna llum, u għall-ħajja tal-bnedmin li niltaqgħu magħhom jew li jfittxu l-għajnuna tagħna.

Missier Qaddis, iftħilna beraħ il-qalb tagħna għad-don ta' l-għerf tiegħek. Agħmel li dan id-don iwettaqna, agħna u nwieġbu għall-kliem ta' Ibnek Ġesù: "Min jieħdu l-għatx jiġi għandi u jixrob... Min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj." (Ġw 7,37-38).

**NITOLBU GĦAL ĦUTNA LI ĦALLEWNA**

**Bro. Michael Buttigieg**, Brother tad-De La Salle, li miet fl-età ta' 81 sena, nhar it-Tnejn, 8 ta' Diċembru 1997

**Suor Reginalda Scicluna**, Dumnikana, li mietet fl-età ta' 89 sena, nhar it-Tlieta, 30 ta' Diċembru 1997